# IL-GIMGHA MQADDSA

# FID-DNJA KATTOLIKA

Ic-celebrazzjonijiet tal-Gimgha Mqaddsa li jsiru fi hdan il-knisja kattolika ghandhom post importanti kemm fil-liturgija kif ukoll fil-folklor ta' kull pajjiz nisrani. Kull nazzjon ghandu l-uzani tieghu marbuta ma' sekli shah ta' tradizzjoni u devozzjonijiet. Hekk nghidu ahna niltaqghu ma' nies li jgorru il-ktajjen marbuta ma saqajhom f'xi whud mill-processjonijiet taghna. Fl-Amerka Latina nies devoti tal-passjoni ta' Kristu, li jsejhulhom "flagellanti", jifflaggelaw lilhom infushom quddiem il-pubbliku biex juru kemm bata' Kristu waqt is-swat marbut ma' kolonna.

Izda l-veru qofol u importanza l-knisja turih meta ssieheb maghha fil-liturgija lill- fidili taghha biex jimmeditaw it-tbatija ta' Kristu, mid-dhul tieghu f'Gerusalemm sakemm halla hajtu mislub ma' salib. Il-Gimgha Mqaddsa ma tieqafx hawn. Tkompli u tispicca bil-Qawmien ta' Kristu minn bejn l-imwiet.

L-gheruq ta' l-osservanza liturgika tal-Gimgha Mqaddsa jmorru lura ghat-tieni seklu. Il-Benedittin Padre Juan Javier Flores Arcas, il-president ta' l-Istitut tal-Liturgija Pontificja ta' Ruma jispjega dan fuq l-istorja u l-bidu tal-Gimgha Mqaddsa.

Ma kienx mill-bidu tal-Kristjanezmu li l-Liturgija tal-Gimgha Mqaddsa kienet organizata kif nafuha l-lum. Pero' sa mit-tieni seklu ta' l-era Kristjana kien hemm diga indikazzjonijiet li kienet tezisti s-Sahra ta' l-Ghid, lejl li fih l-insara kienu jitlobu u jfakkru l-qawmien ta' Kristu mill-Imwiet. Maz-zmien f'dan il-lejl ta' talb zdiedet l-amministrazzjoni tas-sagramenti inizjali tal-hajja nisranija, jigfieri, il-Maghmudija, l-Grima ta' l-Isqof u l-Ewkaristija biex b'hekk dan il-lejl sar lejl ta' importanza liema bhala ghall-knisja. Sussegwement din is-Sahra tal-Lejl Imqaddes giet trasformata fuq tlett ijiem li fihom nikkomemoraw il-passjoni, il-mewt u l-qawmien tal-Mulej taghna.

Hamis ix-Xirka filghaxija hu maghdud ma' l-ewwel jum tat-tridu li jahbat il-Gimgha l-Kbira, bit-tieni jum is-Sibt Imqaddes u t-tielet Jum il-Ghid.

L-importanza ta' dan il-Lejl ta' Sahra mal-Mulej tkompli tizdied bl-introduzzjoni ta' dan it-tridu ghaliex fih niftakru aktar profondament fl-imhabba tal-Gesu' meta nikkommemoraw l-istituzzjoni ta' l-Ewkaristija nhar Hamis ix-Xirka u l-Mewt ta' Gesu' nhar il-Gimgha l-Kbira. Hamis ix-Xirka kien jinvolvi tlett celebrazzjonijiet differenti. Skond sorsi differenti tal-Liturgija, kienet tigi ccelebrata quddiesa biex jirrikonciljaw l-midimba ma' Alla, quddiesa tal-Grizma u ohra flighaxija biex tkun mfakkra l-istituzzjoni ta' l-Ewkaristija. Fil-present issir quddiesa wahda u din filghaxija ghalkemm issir quddiesa ohra filghodu fejn fiha isir it-tberik taz-zjut imqaddsa u din mill-isqof.

It-tieni jum tat-tridu kien is-Sibt Imqaddes, jum ta' silenzju, sawm, u stennija li l-Mulej ghad iqum. Dak in-nhar ma kienx ikun hemm Ewkaristija bhala sinjal ta' stennija.

Bis-sahra ta' l-Ghid fil-Lejl tas-Sibt Imqaddes kien jibda t-tielet jum tat-tridu : l-Ghid, il-jum tal-Hadd li fih nikkomemoraw il-qawmien tal-Mulej mill-mewt. Ikompli jghidilna Padre Flores li s-Sahra tal-Lejl ta' l-Ghid huwa l-aktar mument importanti fil-Liturgija tal-Knisja. Huwa lejl kbir sagramentali fil-Knisja. Hekk kien ghal hafna sekli u grazzi ghar-riforma tal-Koncilju Vatikan II rega' gie ikkonfermat dan il-punt kardinali fil-hajja tal-Knisja. L-insara jgeddu il-weghdiet tal-Maghmudija taghhom filwaqt li insara godda jidhlu membri fil-knisja permezz tal-Maghmudija.

Il-quddiesa tat-tberik taz-zjut hija celebrazzjoni antika hafna fil-knisja. Fiha l-isqof tal-post jikkonsagra tlett zjut hekk imsejha, iz-zejt ta' katekumeni, iz-zejt tal-Grizma tal-morda u z-zejt tal-Grizma ta' l-Isqof jew Konfermazzjoni. Sorsi liturgici juru l-importanza taghhhom fl-amministrazzjoni tas-sagramenti.

Ic-ceremonja tat-tberik taz-zjut hija mimlija simboli. Il-lum l-Isqof ibierek u jikkonsagra dawn iz-zjut fil-knisja tieghu, il-Katedral li minnu jaqdi l-uficcju tieghu, nhar Hamis ix-Xirka filghodu - dan ghandu l-bidu tieghu fil-Liturgija Rumana sa kwazi mill-hames u sitt seklu - jew xi data ohra vicin, skond il-htiega pastorali.

Fil-Liturgija li segwiet il-Koncilju Vatikan II, gew introdotti l -weghdiet sacerdotali. Imma ic-centru jibqa l-konsagrazzjoni taz-zjut mehtiega ghall-amministrazzjoni tas-sagramenti.

Padre Flores imbaghad jghaddi biex jispjega l-adorazzjoni tas-salib fil-Jum tal-Gimgha l-Kbira. Din il-qima lejn is-Salib Mqaddes kienet rit partikulari li jappartieni lil knisja ta' Gerusalemm li fost ir-relikwiji prezzjuzi li kellha kienet tipposedi l-fdalijiet tas-salib li fuqu Kristu gie mislub. Fil-Gimgha l-Kbira kienet tinzamm ceremonja kommoventi fejn fiha l-fidili kienu jqimu s-salib, is-sinjal tal-fidwa taghna. Kitba tar-raba' seklu tikkonferma dan. San Cirillu ta' Gerusalemm jiddeskriviha fid-dettal.

Maz-zmien dan ir-rit ghadda f'Ruma li kienet tfakkar it-tbatija tal-Mulej bil-qari tal-passjoni skond San Gwann u toffri talb solenni lil Alla. Ma dan zdiedet l-adorazzjoni tas-Salib li baqghet tinzamm sal gurnata tal-lum, imma li mhiex l-aktar punt importanti fic-celebrazzjoni tal-Liturgija. L-azzjoni Liturgika hija ccentrata fuq il-Liturgija tal-Kelma, li tilhaq il-quccata bil-qari tal-passjoni tal-Mulej, ir-rakkont li juri l-fidwa tal-bniedem.